# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 30 ta’ Novembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 593/96 M1 NA**

**Tara Chemicals Limited**

**vs**

**Avukat Dottor Joselle Farrugia u l-Prokuratur Legali Madeline Firman li b’digriet tal-Qorti tad-29 ta’ Marzu 1996 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ assenti Yantai, Metals, Minerals and Machinery, Import and Export Corporation u b’digriet tat-13 ta’ Jannar 1998 Dottor Joselle Farrugia giet sostitwita bl-Avukat Dottor Tonio Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Frar 1996 fejn ippremettiet:

"Illi s-socjeta' attrici fit-22 ta' Mejju 1994 u qabel xtrat minghand is-socjeta' konvenuta f'diversi partiti oggetti konsistenti f'*galvanised malleable iron pipe fittings* ta' diversi qisien;

Illi dawn il-*malleable iron pipe fittings* mhumiex tal-kwalita' pattwita u dan skond verifiki li saru minn ezami ta' l-Universita' ta' Napoli fl-Italja li kopja taghha qed tigi hawn annessa w immarkat bhala Dokument "A" u ggib id-data tat-30 ta' Settembru 1994;

Illi dawn il-*galvanised malleable iron pipe fittings* kellhom ikunu impermeabbli u cioe *leak proof* pero' fil-fatt kif jirrizulta mill-fuq imsemmi certifikat kienu permeabbli;

Illi dawn l-oggetti kienu gew mibjugha mis-socjeta' konvenuta mill-atturi b'valur ta' US$ 72,910.40 ekwivalenti ghal cirka Lm27,000.

Illi s-socjeta' attrici kkonsenjat dawn l-oggetti go warehouses f'Napli, l-Italja biex ikunu jistghu jigu mibjugha lil terzi haga li

ma tistax taghmel peress li mhumiex ta' kwalita' pattwita u difettuzi;

Illi s-socjeta' attrici qieghdha thallas spejjez ta' magazzinar ammontanti ghal cirka Lm5,000 u dan sal-gurnata tal-lum b'riserva ghal danni ulterjuri;

Illi s-socjeta' konvenuta qed tippretendi l-hlas mis-socjeta' attrici minkejja li s-socjeta' konvenuta accettat li tiehu l-merkanzija lura skond korrispondenza tat-28 ta' Gunju 1995 hawn annessa w immarkata bhala Dokument "B";

Illi b'*fax* tas-17 ta' Lulju 1995 is-socjeta' attrici ntrabtet li tibghat lura dawn l-oggetti basta li l-kreditu ta' US$72,910.40 ekwivalenti ghal cirka Lm27,000 jigi kkancellat immedjatament u l-bejgh jigi dikjarat null u rexiss u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn annessa u mmarkat bhala Dokument "C";

Illi s-socjeta' konvenuta bieghet lis-socjeta' attrici *galvanised malleable iron pipe fittings* mhux tal-kwalita' pattwita u difettuzi kif del resto issa gie accettat mis-socjeta' konvenuta u b'konsegwenza ta' dan is-socjeta' attrici sofriet danni

konsistenti f'telf ta' profitt, hlas ta' *freight* inutilment kif ukoll spejjez ta' magazzinar ta' l-oggetti fuq imsemmija oltre danni ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

TALBET li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna u ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi l-bejgh ta' diversi partiti ta' *galvanised malleable iron pipe fittings* tat-22 ta' Mejju 1994 u qabel, mis-socjeta' konvenuta ma kienux tal-kwalita' pattwita u kienu difettuzi;

2. tiddikjara u tiddeciedi per konsegwenza ta' dan li l-bejgh ta' dawn l-oggetti lis-socjeta' attrici ghandha tigi dikjarata nulla u rexissa stante illi l-merkanzija ma kenitx tal-kwalita' pattwita;

3. tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi konsistenti f'telf ta' profitt fuq il-bejgh tal-merkanzija, spejjez ta' magazzinar ta' dawn l-oggetti u spejjez ancillari ohra konsistenti fi *freight* kif ukoll spejjez li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

5. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 853/96 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti nomine ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti li gew esebiti minnha in sostenn tat-talbiet taghha.

Rat in-Noti ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjonijiet guramentati tal-kuraturi li kienu gew appuntati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' konvenuta estera, dawk originali tal-24 ta' Jannar, 1997 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet fil-meritu u dawk ulterjuri tal-5 ta' Gunju 1997 fejn eccepew ulterjorment illi:

1. "Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, stante li ai termini tal-kuntratt ta' bejgh

datat 20 ta' Mejju 1997 (Dokument "JG1") u partikolarment klawsola numru 7, liema kuntratt jirregola l-bejgh ta' l-oggetti meritu tal-kawza odjerna, kwalunkwe tilwima ghandha tigi deciza permezz ta' Arbitragg;

2. Preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-gudizzju mhuwiex integru stante illi s-socjeta' konvenuta bieghhet l-oggetti meritu tal-kawza odjerna lis-socjeta' attrici kif ukoll is-socjeta' estera NA. RL. S.R.L. ta' Napoli, Italia, kif jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh precitat (Dokument "JG1");

3. Fil-meritu u bla pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza preliminari u parzjali taghha tat-23 ta' Frar 2001 fejn din il-Qorti ddecidiet l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari fir-rigward tan-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tas-socjeta' konvenuta billi cahdithom.

Rat id-dokumenti li gew esebiti b'nota, seduta stante, fis-seduta tat-18 ta' April 2001, fejn il-kuratur deputat imsejjah ma deherx u fejn is-socjeta' attrici ddikjarat illi, f'dak l-istadju, ma kellhiex aktar provi u talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-kuraturi konvenuti tad-19 ta' April 2001, ir-risposta tas-socjeta' attrici tal-20 ta' Gunju 2001 u l-provvediment ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward tat-13 ta' Lulju 2001 wara li l-kuratur deputat kien rega' ma deherx fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2001 kif ma deherx f'dik tat-13 ta' Lulju 2001.

Ikkunsidrat:

Illi eliminati l-eccezzjonijiet preliminari fadal biex jigi deciz il-meritu ta' din il-kawza bis-socjeta' attrici tallega illi l-"*galvanised malleable iron pipe fittings*" li xtrat minn ghand is-socjeta' konvenuta ma kienux tal-kwalita' pattwita peress illi kienu permeabbli filwaqt illi kellhom ikunu "*leak proof*" filwaqt illi s-socjeta' konvenuta tinnega din l-allegazzjoni u ssostni li t-talbiet attrici huma nfondati u kellhom jigu michuda.

It-talbiet tas-socjeta' attrici huma bbazati fuq zewg linji paralleli. Hemm it-talba ghar-rexxissjoni tal-bejgh peress illi l-oggetti in kwistjoni allegatament ma kienux tal-kwalita' pattwita u hemm it-talbiet ancillari ghad-danni naxxenti minn dan il-fatt.

Fir-rigward ta' l-ewwel kwistjoni kif inghad fis-sentenza preliminari din il-Qorti kienet fis-seduta tad-29 ta' Mejju 1997 innominat, fil-presenza tal-partijiet rispettivi, lil Alfred Camenzuli bhala Perit Tekniku. Il-partijiet rilevanti tar-rapport tieghu gia' gew ikkwotati fis-sentenza parzjali fuq imsemmija u ghalhekk ma ghandhomx ghalfejn jigu ripetuti. Jinghad pero' illi l-Perit Tekniku kien sab illi s-*samples* li gew minnu ezaminati effettivament kienu difettuzi u ma kienux tal-kwalita' pattwita. Apparti minn din il-prova pero', u dana b'riferenza partikolari ghat-tieni punt maghmulha fin-nota ta' l-osservazzjonijiet sottomessa mill-konvenuti fil-25 ta' Jannar 2001, is-socjeta' attrici, apparti mid-dikjarazzjoni guramentata taghha, gabet prova mill-Universita' Degli Studii di Napoli taht il-firma ta' tlett esperti li, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija mhux biss prova ammissibbli wara l-emendi li saru fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bl-Att XXIV tal-1995 izda hija wkoll prova konkluzziva.

"*Because of the very high leaking rates which have been found during the measurements, the tested joints are not suitable for pipeline applications.*" (Dok. "A" a fol. 5 tal-process.

Kontra din il-prova s-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova hlief ghall-osservazzjonijiet li saru fin-nota taghha fuq citata li huma osservazzjonijiet aktar ta' natura legali milli huma prova.

Il-Qorti pero' dehrilha illi kellha tikkummenta dwar din in-nota qabel ma tghaddi biex tiddeciedi t-talbiet attrici. Fir-rigward tat-tieni punt ta' din in-nota din il-Qorti zzid biss ma' dak li fuq inghad illi jirrizulta min-nota tas-socjeta' attrici tat-18 ta' April 2001 illi ghandu jkun ovvju illi fil-mori tal-kawza l-oggetti jew parti kbira minnhom ingabu Malta u kien ghalhekk illi setghu jigu ezaminati mill-Perit Tekniku.

Fir-rigward tat-tielet punt imsemmija fl-istess nota jirrizulta mill-provi illi s-socjeta' attrici ghamlet minn kollox biex l-oggetti in kwistjoni jigu kkonsenjati lura lill-venditur u li dan ma sarx minhabba nuqqasijiet biss ta' l-istess venditur u ghalhekk din

is-socjeta' ma tistax tiehu vantagg mill-principji msemmija fl-istess nota meta din il-konsenja ma saritx u ma avverratx ruhha in vista tan-nuqqasijiet taghha stess.

Lanqas ma l-Qorti tista' taqbel mar-raba' sottomissjonijiet maghmulha mill-konvenuti. Skond *invoice* ta' l-istess socjeta' konvenuta (kopja taghha Dokument "D2" a fol. 6 tal-process) l-oggetti huma deskritti bhala "*Galv. Malleable Iron Pipe Fittings*" li rrizulta li l-oggetti kkonsenjati ma kienux. Mhuwiex ghalhekk il-kaz ta' difetti latenti u ta' l-*actio rehibitoria* izda, korrettement kif ipprocediet is-socjeta' attrici, kaz ta' oggetti li ma gewx ikkonsenjati skond il-patt miftiehem.

L-osservazzjonijiet tal-Qorti fuq maghmulha jwasslu biex jigu milqugha almenu l-ewwel zewg talbiet attrici.

Fir-rigward tat-talbiet l-ohra s-socjeta' attrici ma gabet ebda prova ohra hlief ghad-dokumenti esebiti bin-nota tat-18 ta' April 2001, filwaqt illi wkoll fir-rigward ta' dawn it-talbiet is-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova kuntrarja. Dan nonostante, fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt illi whud mid-dokumenti esebiti bl-istess nota ma jirrikjedu ebda spjegazzjoni jew kumment iehor, uhud, invece mill-ispejjes

reklamati kienu jesigu spjegazzjoni ulterjuri li ma gietx moghtija u ghalhekk mhumiex sejrin jigu accettati mill-Qorti in omagg ghall-principji illi d-danni jridu jirrizultaw li gew ikkagunati u nnecessitati bin-nuqqasijiet tal-parti l-ohra, kif ukoll li min qed isofri danni huwa obbligat li jimminimizzahom sa fejn huwa possibbli. Effettivament ma ngabet ebda prova l-ghala kien necessarju li jinxtraw zewg *containers* fl-ammont ta' Lm1200 biex l-oggetti jigu magazzinati, liema *containers* in ogni caso, kienu ser jibqghu l-proprieta' tas-socjeta' attrici. Lanqas ma ngabet prova konvincenti u sufficjenti l-ghala kien hemm bzonn li Direttur tas-socjeta' attrici jsiefer l-Italja mal-konsulent legali tieghu. Invece fil-fehma tal-Qorti d-dokumenti a fol. 123, 130 u 131 tal-process ma ghandhom bzonn ebda spjegazzjoni ulterjuri u ghalhekk mill-*istatement of account* a fol. 122 tal-process il-Qorti jidhrilha illi l-ispiza reklamata fin-numri 1, 4 u 5 huma gustifikabbli pero' mhux dawk bin-numri 2 u 3 - danni ghalhekk fl-ammont ta' tnax-il elf tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm12,385) flok erbatax-il elf tlett mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm14,341). Finalment dwar danni sofferti f'telf ta' profitt fuq il-bejgh tal-merkanzija ma ngabet ebda prova w il-Qorti mhijiex sejra tikkonsidra din it-talba.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-bejgh ta' diversi partiti ta' *galvanised malleable iron pipe fittings* tat-22 ta' Mejju 1994 u qabel, mis-socjeta' konvenuta ma kienux tal-kwalita' pattwita u kienu difettuzi;

2. tiddikjara u tiddeciedi per konsegwenza ta' dan li l-bejgh ta' dawn l-oggetti lis-socjeta' attrici ghandha tigi dikjarata nulla u rexissa stante illi l-merkanzija ma kenitx tal-kwalita' pattwita;

3. tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi konsistenti fi spejjez ta' magazzinar ta' dawn l-oggetti u spejjez ancillari ohra konsistenti fi *freight*;

4. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tnax-il elf tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm12,358);

5. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-imghax legali millum u bl-ispejjez tal-kawza kif mitluba.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.